# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 427/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Giovanni Cilia**

iben Giuseppe, imwieled Pieta', fid-9 ta' Awwissu, 1949, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 823949(M)

Illum, 20 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Giovanni Cilia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' JDC Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 2 ta' Ottubru, 2008, u moghtija fil-konfront tieghu inkwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma

ruhu mal-ligi u fin-nuqqa jehel multa ohra ta' €15 ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi kkundannat ihallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghal-perjodu li jibda mit-3 ta' Jannar 2009 sat 6 ta' April 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li Giovanni Cilia ammetta l-imputazzjoni kif migjuba kontrih, sabitu ħati u ikkundannatu għal hlas ta' multa ta' €1410.

Rat ir-rikors tal-appellant Giovanni Cilia tal-4 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha :

(a) Tannulla is-sentenza appellata stante li ma jezistiex reat; jew
(b) Tikkancella s-sentenza appellata stante li l-azzjoni hija preskrita; jew
(c) Tannulla is-sentenza appellata stante difett fic-citazzjoni; jew
(d) Tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma is-sejbin ta' htija u t**irrevokaha u tħassarha** f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Giovanni Cilia għal piena ta' multa ta' €1410 **u minflok** tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1) Illi kemm is-sentenza kif ukoll il-proceduri huma nulli stante li ma jezistix ir-reat li fuqu inharget l-imputazzjoni li gie misjub hati taghha l-appellant.
2) Illi minghajr prejudizzju ghall-ewwel aggravju, il-kawza hija wahda preskritta stante li l-imputazzjoni inharget fid-9 ta' Marzu 2012 meta c-citazzjoni titkellem fuq sentenza ta' 2 ta' Ottubru, 2008.
3) Illi c-citazzjoni hija wahda nulla u bla effett stante li hija nieqsa mid-data ta' l-allegat reat.
4) Illi l-ahhar aggravju jirrigwardja il-piena. Huwa ben risaput li appell mill-piena wara ammissjoni hu odjuz. Pero' dan il-kaz, il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti, hija, bid-dovut

rispett, eċċessiva u ma tieħux kont taċ-ċirkostanzi li wasslu lill-appellant għal dawn il-proċeduri kif ukoll tas-sitwazzjoni jinsab fiha llum l-appellant.

Illi jibda biex jingħad li s-sitwazzjoni finanzjarja li spiċċa fiha l-appellant kienet riżultat ta' fatt li jmur lil hinn mir-rieda ta' l-istess appellant. Di fatti, l-appellant stess kien jaghti il-flus kollha li jaqla mill-barriera lil John Debono sabiex dan ihallas il-kontijiet inkluz it-taxxa dovuta lid-dipartiment. Gara li John Debono ma hallas lil hadt u beda jiehu dawn il-flus ghalih bil-konsegweza li falla il-kumpanija JDC Company LTD flimkien ma l-appellant li kien iffirma ukoll kuntratt li kien qed jaghmel tajjeb ghal din il-kumpanija. Illi f'dan il-kaz l-appellant qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jikkonformax ruhu mad-dipartiment tal-VAT. Anzi hu dejjem ghadda dak kollu li kien jaqla lill-Direttur li kien jiehu hsieb il-kotba tal-kumpanija. Illi l-izbal li ghamel l-appellant kien li ma ndunax mill-ewwel li hu kien qed jigi misruq u frodat.

Illi meta nduna b'din is-sitwazzjoni l-appellant ghamel minn kollox biex jirranga dak li kien halla warajh John Debono. Sahansitra biegh id-dar matrimonjali tieghu sabiex ihallas id-dejn u illum il-gurnata apparti li fadal hafna kredituri qieghed jghix biss bil-pensjoni.

Illi l-Qorti tal-Magistrati naqset li tiehu in konsiderazzjoni dawn iċ-ċirkostanzi partikolari li jinsab fihom l-appellant u il-familja tiegħu u din il-multa hija waħda eċċessiva u ma tieħux kont tal-fatt illi n-nuqqas ta' konformita' mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma kienitx wahda intenzjonata jew riżultat ta' xi spavalderija min-naħa ta' l-appellant iżda kien biss riżultat ta' frodi u serq ta' haddiehor.

Illi l-Qorti naqsek ukoll li tieghu in konsiderazzjoni li l-pulizija dammu aktar minn tlett snin sakemm hadu passi kontra l-imputat. Din in-nuqqas ta' azzjoni kompliet tpoggi f'sitwazzjoni aktar gravi lill-appellant stante bhala piena huwa kien qieghed jehel **€15-il ewro għal kull jum li fiħ l-appellant jonqos milli jottempora ruħu mas-sentenza.**

Anzi din l-kawza kienet appuntata ma kawza ohra fid-19 ta' April, 2012 u fuq talba tal-prosekuzzjoni ma gietx mismugha imma giet differita ghas-27 ta' Settembru, 2012. L-appellant

ma qieghedx jara raguni valida sabiex huwa jigi ppenalizat ukoll ghax il-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kaz preparat.

Illi l-esponent umilment jissottometti li jidher li l-ħsieb wara l-ewwel *proviso* tal-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa sabiex bniedem moruż fil-pagamenti mad-Dipartiment tal-VAT ikun inkoraġġut iħallas lill-istess Dipartiment fi żmien impost mill-Qorti u b'hekk jevita li jħallas il-penali ġornaljera. Illi madanakollu dan l-ispirtu tal-liġi jilħaq l-għan tiegħu biss f'dawk il-każi fejn il-persuna moruża <u>għandha kontroll effettiv</u> ta' meta tista' tissodisfa l-pendenzi tagħha mad-Dipartiment tal-VAT. Illi fil-kaz ta' l-appellant dan ma japplikax, stante li huwa kien u qieghed f'impossiblita li jaghmel dan. Ili hadd ma hu tenut jaghmel l-impossibli - ssir referenza wkoll għall-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*.

Illi anke jekk stess, għall-grazzja ta' l-argument biss, l-appellant ikun kostrett iħallas multa għal xahar wieħed biss, l-ammont tal-multa fuq perjodu ta' xahar ser iħalli lill-appellant u l-familja tiegħu fi stat ta' faqar. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-appellant illum hija talment prekarja li huwa impossibbli għall-appellant li jħallas €15 kuljum għal perjodu indefinittiv li potenzjalment jista' jdum xhur jew saħansitra snin!

Illi fid-dawl tas-suespost, l-appellant umilment jissottometti li huwa jinsab fl-impossibilita' finanzjarja li jħallas il-pieni imposti mill-Ewwel Onorabbli Qorti, partikolarment bil-fatt illi l-piena ġornaljera ta' €15-il ewro kuljum hija wahda ta' natura drakonjana.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2011 fil-prezenza ta' l-appellant, l-ufficjal prosekutur talab il-korrezzjoni tac-citazzjoni. L-ewwel Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-appellant (imputat) jigi notifikat bic-citazzjoni kif korretta. L-appellant (imputat) kien gie notifikat bic-citazzjoni kif korretta fl-4 ta' April, 2012.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2012 l-appellant (imputat) debitament assistit mill-avukat tieghu ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu u gie kkundannat li jhallas multa ta' elf erba' mija u ghaxar euro (€1,410).

Illi madakollu li ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu Giovanni Cilia pprezenta rikors li bih appella mis-sentenza hawn fuq indikata. Dan ir-rikors gie ffirmat mill-istess avukat li kien assistih quddiem l-ewwel Qorti.

Illi l-aggravji tal-appellant li huma riportati hawn fuq huma fuq il-meritu ta' din il-kawza. Hawnhekk, ma hemm ebda aggravju fuq il-kwistjoni tar-regolarita' tal-ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti. Kieku l-appellant ma kienx jaf x'qed jigri quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti kienet tinvestiga l-kwistjoni tal-ammissjoni. L-appellant quddiem l-ewwel Qorti kienet assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu li certament infumah fuq il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghal kaz in ezami. Apparti minn hekk ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant deher quddiem l-ewwel Qorti fuq kwistjonijiet dwar VAT.

Illi l-aggravji tal-appellant kellhom kollha kemm huma jitqajjmu quddiem l-ewwel Qorti u mhux jithallew ghall-ezami ta' din il-Qorti. Kieku l-appellant qajjem dawn il-kwistjonijiet quddiem l-ewwel Qorti u din skartathom, l-appellant kien ikollu ragun jerga jqajjimhom quddiem din il-Qorti. Hawnhekk, il-kaz hu kompletament differenti billi l-appellant (imputat) ammetta ghall-akkuza migjuba kontra tieghu.Hawn qed issir referenza ghall-kaz ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. Martin J. Camilleri' fil-bran segwenti:
"... hadd ma jifforma l-ideja zbaljata li wiehed jista' l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal xhiex qed jammetti."

Fil-kaz odjern, l-appellant mar oltre billi ntavola l-appell tieghu fuq punti li setghu jigu mqanqla quddiem l-ewwel Qorti u l-appellant ma jistax jippretendi li wara li ammetta jiddecidi li jappella kif jidhrilu.  L-uniku appell li f'tali cirkostanzi jista' jkun ammessa hu li l-ewwel Qorti teroga piena li mhiex skont il-ligi.

Illi dwar il-piena din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Connie Azzopardi, Principal fis-sezzjoni legali tad-Dipartiment tal-VAT li nfurmat lill-Qorti li konsegwenza ta' eemndi fil-ligi tal-VAT il-multa li llum l-appellant ghandu jhallas hi ta' erba' mija u hamsa u sittin euro (€465) u mhux il-multa li erogat l-ewwel Qorti, li dak iz-zmien kalkolat multa korretta fit-total taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell ta' Giovanni Cilia u tikkonferma s-sentenza appellata.  Ghal dak li tirrigwarda l-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tikkundanna lil Giovanni Cilia biex ihallas multa ta' erba' mija u hamsa u sittin euro (€465).